**5 ta' April, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Avukat Dottor Hugh Perlata *noe*

*versus*

Avukat Dottor Austin Sammut *noe*

**Bastiment – *Actio in Rem* – *Necessary Supplies***

*Kawża għal rekupru ta' kreditu għal żebgħa għall-bastiment supplit mis-soċjetà attriċi.*

*Il-Qorti rriteniet illi żebgħa "anti fouler" u "anti corrosive" jidħlu taħt il-frażi neccessary supplies u għalhekk irnexxiet it-talba attriċi bħala "actio in rem" u għalhekk ikkundannat lill-konvenut kuratur in rappresentanza tal-Bastiment biex iħallas.*

Il-Qorti: – Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi huwa forna lill-bastiment M.T. *Copper Mountain* b'żebgħa *Ravax* waqt li l-istess bastiment kienu qed isirulu xogħlijiet fil-*Malta Drydocks*, kif jidher minn Dok. A u Dok. B;

U peress illi l-prezz dovut għall-konsenja ta' l-imsemmija żebgħa hu ta' ħdax-il elf tlett mija u tmienja u ħamsin Dollaru Amerikani, li meħuda r-rata tal-kambju bħala USD 3.06 kull lira Maltija huma ekwivalenti għal tlett elef seba' mija u ħdax-il lira Maltija (Lm3,711);

U peress illi l-konvenut *nomine* baqa' ma ħallasx l-imsemmi

prezz ta' Lm3,711 u dan anke wara li nħarġu mandat ta' qbid numru 260/88 u mandat ta' impediment ta' safar kontra l-imsemmi bastiment numru 259/88;

L-istess attur *nomine* talab li din il-Qorti għar-raġunijiet premessi:

1. tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jħallsu s-somma ta' Lm3,711 dovuta bħala prezz ta' żebgħa fornita lill-bastiment *M.T. Copper Mountain;*

Bl-imgħax mill-15 ta' Diċembru 1987 u ċjoè data tal-konvenju u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandati fuq imsemmija;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur, u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Preliminarjament, illi jirrikjedi l-prova li l-attur *nomine* jirrappreżenta s-soċjetà estera *"Chugoku Marine Paints (U.K.) Ltd."*;

2. Sussidjarjament, mingħajr preġudizzju, l-eċċipjent *nomine* m'għandu ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur *nomine,* u għalhekk għandu jiġi lliberat mid-domanda;

3. Salv eċċezzjonijiet oħra bl-ispejjeż;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat illi b'verbal reġistrat fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru 1989 il-konvenut irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta' John Calleja prodott mill-attur kif korroborat mid-dokumenti a fol. 4 u 5 tal-proċess jirriżulta li s-soċjetà attriċi kkonsenjat kwantità ta' żebgħa u "*thinner*" tal-marka *Ravax* biex tintuża fuq il-bastiment *Copper Mountain* li kien qiegħed jissewwa fil-*Malta Drydocks;*

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi min-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut jirriżulta li huwa qiegħed jibbaża t-tieni eċċezzjoni tiegħu u ċjoè li l-bastiment m'għandu ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi billi ż-żebgħa ma hijiex "*necessaries supplied*". Peress li din il-kawża hija waħda "*in rem*" li kreditu in kwistjoni ma sarx biex jingħata xi servizz neċessarju għall-bastiment u "ċjoè xi ħaġa neċessarja għall-vapur li mingħajrha l-bastiment ma jistax jgħaddi";

Illi l-attur issottometta illi l-interpretazzjoni li qiegħed jagħti l-konvenut għall-frasi "*necessaries supplied*" (artikolu 6 tal-*Vice Admiralty Court Act 1840* u artikolu 10 tal-*The Vice Admiralty Court Act 1863)* ma hijiex waħda korretta;

In sostenn iċċita s-sentenza mogħtija mill-Qorti *The Admiralty* Ingliża fil-kawża *"The Riga"* (1892 L R 3 A & E 516) minn Sir Robert Phillimore. Huwa ċċita ukoll lil Dr Lushington fis-sentenza li ta fil-kawża *"The Perla"* (1858 sw 353). L-attur issottometta illi mhux meħtieġ illi l-provisti jkunu *"absolutely and unconditionally necessary"*. Kull ma hu meħtieġ biex provisti jkunu konsiderati bħala *"necessaries"* hu li jintwera li fiċ-ċirkostanzi jkun prudenti li jinxtraw il-provisti relattivi għall-bastiment;

Illi din il-Qorti taqbel ma' l-interpretazzjoni mogħtija fis-sentenzi ċitati mill-attur. Inoltre jidhrilha li ma hemm l-ebda dubju li darba bastiment jiddaħħal fid-*Drydocks* biex jissewwa u jinbidlu xi pjanċi x-xogħol ta' żebgħa bħal ma kien dan u ċjoè ta' *"anti corrosive"* u *"anti Fouling"* isir neċessarju biex jagħti protezzjoni lill-*hull* tal-vapur;

Mingħajr tali protezzjoni l-ilma baħar malajr isaddad u jiekol il-"hull" u konsegwentement ebda kaptan f'sensih ma jista' biss jikkonsidra li wara li jdaħħal bastiment fid-*Drydocks* għat-tiswijiet neċessarji, huwa joħorġu minn hemm mingħajr ma jiffinalizza x-xogħol billi jara li l-bastiment jinżebagħ sewwa skond l-arti u s-sengħa fejn ikun hemm bżonn;

Għalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-provista taż-żebgħa li ssuplixxiet is-soċjetà attriċi lill-bastiment *"Copper Mountain"* tirrientra taħt il-frażi *"necessaries supplied"* u għalhekk it-talba attriċi bħala *"Actio in rem"* għandha tirnexxi;

Illi l-konvenut ma kkontestax il-*"quantum"* tat-talba attriċi u għalhekk din il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex m'għandhiex

tilqa' t-talba ta' l-attur *nomine* kif dedotta peress li din tirriżulta suffiċjentement ipprovata mill-provi mhux kontradetti li ressaq l-attur;

Għal dawn l-motivi:

Tiddeċidi billi prevja li tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut *nomine*, tilqa' t-talba ta' l-attur *nomine*, eżattament kif dedotta fl-att taċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut *nomine*.